MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2010

Numru 912/2010

PULIZIJA
SPETTUR KEITH ARNAUD
SPETTUR ALEXANDER GRECH
VS
LYON BONNICI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Lyon Bonnici ta’ 21 sena, iben Stephen u Catherine nee’, imwieled Pieta’ nhar l-1 ta’ Awwissu 1989, residenti gewwa Junior Flats, flat 3, Triq il-Qasam, Marsaskala u detentur tal-Karta ta’ l-Identita bin-numru 465489(M).

Illi huwa akkuzat talli:

Nhar it-30 ta’ Awwissu 2010, ghall-habta tat-20:30 ta’ filghaxija, minn gewwa l-bini ta’ l-iskola MCAST, li tinsab fi Triq Kordin, Rahal il-Gdid, ikkommetta serq ta’ oggetti,

liema serq huwa aggravat bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37) u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Saviour Grech mill-Imqabba u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli nhar it-30 ta’ Awwissu 2010 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data, gewwa Rahal il-Gdid u f’toroq ohra f’dawn il-Gzejjer, saq vettura tat-tip Peugeot 405 bin-numru tar-registrazzjoni CAA 979 minghajr licenza tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni;

Filwaqt li nesebixxi l-fedina penali u estratt veru mill-att tat-twelid ta’ l-imsemmi Josef Lyon Bonnici, umilment nitolbu li dan il-kaz jigi investigat skond il-Ligi u li din l-Onorabbli Qorti tordna lill-imputat jiddepozita il-Karta ta’ l-Identita’ kif ukoll il-passaport tieghu f’dawn l-atti u dan fid-dawl ta’ l-izvilupp tas-sbuhija ta’ pajjizna fiz-zona Schengen ai termini ta’ l-Artikoli 64A(b) ta’ l-Att dwar il-Karta ta’ l-Identita’, Kap.258 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat (fil-verbal datat 2 ta’ Settembru 2010);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat Lyon Bonnici, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261 u 267 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 15 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta’

Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Mata, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ tlett (3) snin, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

In oltre’, l-Qorti tordna sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta’ sena mid-data tal-lum u tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta’ elfejn tlett mija disgha u ghoxrin euro (€2329) li ghandhom jithallsu b’rati mensili fi zmien sitt (6) xhur.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi r-res furtiva giet rekoverata, l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fedina penali ta’ l-imputat u l-eta’ giovanili tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------